# JUM ISWED FIL-GUDJA

**minn *LAURENCE MIZZI***

Tnax-il siegħa wara li Mussolini ddikjara li l-Italja kienet daħlet fil-gwerra kontra l-Ingilterra, fuq Malta bdew neżlin il-bombi u jmutu n-nies. Kien it-Tlieta 11 ta' Ġunju 1940. Dakinhar aħna konna noqogħdu l-Birgu u billi l-attakki kienu kkonċentrati prinċipalment madwar l-inħawi tat-Tarzna u l-Port il-Kbir ħassejnihom ħafna. Il-poplu fehem mill-ewwel li l-Kottonera kienet ser tkun waħda mill-miri ta' l-għadu u għalhekk f'dawk l-ewwel jumejn qam paniku sħiħ. Kulħadd beda jaqbad ftit oġġetti, igeżwirhom kif jista' u jaħrab 'il bogħod bihom lejn l-irħula bil-mezzi li kien isib: karozzi, karettuni u saħansitra bil-mixi.

Aħna tlaqna lejn il-Gudja. Morna hemm għax ħu missieri, iz-ziju Ġużeppi kien is-superjur tal-Mużew t'hemmhekk u għalhekk kellna dar fejn stajna mmorru nfittxu kenn u ndabbru rasna. Wasalna l-Gudja l-Erbgħa 12 ta' Ġunju għal xil-ħdax ta' fil-għodu, jekk niftakar tajjeb. U għalija, li kelli tmien snin, u għal ħija li kien sena akbar minni bdiet l-avventura "sabiħa" tal-gwerra.

Matul is-sentejn li domna l-Gudja konna sirna ħaġa waħda man-nies tal-lokal kif jistgħu jixhdu dawk li għadhom ħajjin u jiftakru. Jien u ħija sa mill-ewwel ġurnata tħabbibna mat-tfal tar-raħal; lgħabna fit-toroq magħhom u ġrejna fl-għelieqi bħalhom u saħanstira dħalna abbatini u servejna fil-parroċċa. Għinna l-quddies, ħadna parti fil-funzjonijiet u fil-funerali u jien anki għamilt il-priedka tal-Milied waqt il-quddiesa li fl-1941 saret fl-erbgħa ta' wara nofs in-nhar minflok f'nofs il-lejl. Għalija u għal ħija l-gwerra kienet xalata, vaganza waħda twila wara l-ħajja kontrollata tal-Birgu, esperjenza li baqgħet magħna tul dawn is-snin kollha li għaddew.

Iżda kien hemm waqtiet koroh u tal-biża' wkoll li baqgħu minquxa f'moħħna. Bħal dik tad-9 ta' April 1942.

Kien il-Ħamis niftakar u għal xis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar daqq **air raid.** Bħas-soltu qbadna u dħalna fix-xelter li kien hemm ħdejna, fil-kantuniera ta' Triq Santa Marija fejn tibda t-triq (dak iż-żmien kien sqaq) fejn hemm id-dar tal-kappillan. Ma lħaqniex inżilna isfel li ma bediex jinstama' sparar qawwi ħafna. Wara sentejn nisimgħu konna drajna nkunu nafu jekk l-attakk hux fil-qrib jew le u jekk hux qawwi jew ħafif. Minn dak li bdejna nisimgħu fehemna li l-ħbit kien fuq l-inħawi tagħna u mhux talli ma kienx ħafif talli kien aħrax ħafna. Tant kien qalil l-attakk, tant ħassejnieh fil-qrib li minkejja li konna taħt il-blat ħsibna li mhux ser nerġgħu noħorġu ħajjin minn hemm. F'ħin minnhom splużjoni u tfaqqiegħ tal-waħx u l-blast (ir-riħ tal-bombi) saħansitra niżel fix-xelter bħal buffura qawwija ta' riefnu fl-eqqel tax-xitwa. Ħafna min-nies fix-xelter tbikkmu, oħrajn bdew jibku waqt li t-tfal trassu ma' djul ommhom. Il-kappillan, Dun Anton Rapa, Alla jaħfirlu li kien fix-xelter magħna u li fehem bil-gravita tas-sitwazzjoni tana lkoll l-assoluzzjoni għax eminna tassew li t-tmiem kien fil-qrib.

Imbagħad il-ħsejjes battew u wara sikta twila smajna s-sirena tħabbrilna li l-għadu, sa fl-aħħar kien tbiegħed minn fostna. Meta ħirġna mill-bokka tax-

xelter sirna nafu għaliex konna ħassejna dak kollu. Fl-isqaq, kważi bieb ma' bieb mal-kappillan ftit passi biss 'il bogħod mix-xelter tagħna kienet ġiet bomba qawwija u qatlet lil Karmena (Calleja) il-purtinara ta' l-iskola u magħha kienu mietu ħames membri tal-familja tagħha. Kienu mietu mirduma fix-xelter privat li kienu ħaffru fid-dar tagħhom. Għadni narahom għaddejjin bihom fuq l-**istretchers.** Kulħadd kien issummat iħares, imbikkem, familja meqruda waqt li kienet qed tieħu l-kenn fil-blat ġo darha...

Mietu nies oħra fil-Gudja b'ħidma tal-għadu matul il-gwerra, iżda dik tad-9 ta' April kienet l-akbar waħda għar-raħal. U traġedja kbira personali għall-familja Calleja.

Ħamsin sena sħaħ ma rnexxielhomx iħassru mill-arkivju ta' moħħi t-tifkira ta' dak il-jum iswed, traġiku li għadda minn fuq ir-raħal li tana kenn f'dawk il-jiem terribbli tat-Tieni Gwerra Dinjija.

# MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

## Issieħbu fil-Knisja bil-Magħmudija

| | | |
|---|---|---|
| Anthony u Rita Borg | – | TWANITA |
| Angelo u Ġużeppa Dalli | – | SYLVANA |
| Raymond u Rosanne Portelli | – | RANALD |
| Emanuel u Carmen Coleiro | – | JUSTIN |
| Carmelo u Rita Farrugia | – | JESSICA – TANIA |
| Charles u Jacqueline Ellul | – | MATTHEW |

## Magħmudijiet

Is-Sibt 29 ta' Awissu fil-5.30 p.m.
Is-Sibt 26 ta' Settembru fil-5.30 p.m.

## Ingħaqdu flimkien bis-Sagrament taż-Żwieġ

Anthony Montesin ma' Josette Briffa
Franco Dalli ma' M'Anne Catania
Paul Borg ma' Rita Caruana
Walter Cutajar ma' Rita Mangion
Bartholomeo Farrugia ma' Marlene Calleja
Paul Cutajar ma' Teresa Said

## Żwieġ

Il-Ħadd 6 ta' Settembru fil-11.15 a.m.
Is-Sibt 12 ta' Settembru fis-6.00 p.m.

R.I.P.

## Għaddew għall-Ħajja ta' Dejjem

Ġużeppa Scicluna

## Nifirħu u Nawguraw lil:

Christopher James li ggradwa B.(Elec.)Eng., u franco X. Dalli B.(Mech.)Eng. mill-Università ta' Malta.